# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ MARZU

**L-AKKADEMJA TAL-MALTI** 1971


# GHELUQ IL-HAMSIN SENA

*Din is-sena, 1971, hi għażiża għalina l-Membri tal-Akkademja, għax issarraf nofs seklu ta' ħajja tal-"Għaqda" tagħna; u għandna biex nifirħu u niftaħru għax dawn il-ħamsin sena l-"Għaqda" ma għaddithomx bierda u bla ħeġġa, imma kienet mill-aktar bieżla u ħarkiena u qalbiena.*

*Kienu ħamsin sena ta' ħidma qalila, ta' qtigħ il-qalb, ta' tgħajjir u tmaqdir, imma kienu wkoll snin ta' thejjija għal rebħa kbira b'risq l-ilsien tagħna, rebħa li dawk ta' qabilna kienu tant xtaqu u tant ħolmu biha.*

*"Il-Għaqda Tal-Kittieba Tal-Malti" kienet imwaqqfa fl-1921 minn irġiel għorrief intellettwali u kapaċi, imma fuq kollox onesti u patrijotti. Il-ħsieb tagħhom kien li jqiegħdu l-ilsien Malti fil-post li jistħoqqlu f'dawn il-Gżejjer tagħna. Dan kien it-tir waħdieni ta' moħħhom u għalhekk tħabtu u ħadmu u studjaw.*

*Huma wettqu l-ħidma tagħhom bla mibegħda lejn ħadd, bla ma saru għedewwa ta' ħadd, imma minkejja ta' hekk, iltaqgħu ma' twegħir u tfixkil, ma' tmaqdir u żeblīħ; iżda billi l-kawża tagħhom kienet ġusta u raġunata, u fuq kollox, billi wara l-ewwel Kostituzzjoni tal-Awtonomija tal-1921, il-poplu kien stenbaħ u beda jiftaħ għajnejh u jifhem x'kienu d-drittijiet u l-ħtiġijiet tiegħu, il-ħidma tal-Fundaturi tal-"Għaqda" seħħet; iż-żerriegħa li żergħu sabet art tajba, rabbiet il-għeruq, ixxettlet u kibret u saret siġra li taħtha sab kenn dak kollu li hu ta' ġieħ jew ta' fejda għall-Malti.*

*Mhux ħsieb tagħna f'dawn l-erba' kelmiet li ngħidu kulma sar u kulma ġara bis-saħħa tal-"Għaqda", f'dan in-nofs seklu li għadda mit-twaqqif tagħha. Il-ġrajja u l-ħidma tagħha llum jagħmlu sehem mill-istorja ta' Malta, u meta jinġabru, jixħtu dawl mhux biss fuq it-taqbida għar-rebħa tal-Malti, imma aktar fuq l-isvilupp intellettwali Malti fil-Gżira ta' Malta.*

*Meta l-Fundaturi tal-"Għaqda" stabilew għamla xjentifika ta' ortografija, fit-18 ta' Diċembru 1921, huma kienu xeħtu s-sisien ta' pont li minn fuqu għaddew żewġ triqat: waħda mnejn għadda l-*

*ilsien Malti biex wasal fejn hu llum, l-oħra mnejn imxiet il-letteratura Maltija biex telgħet u laħqet il-livell għoli li qiegħda fih issa.*

*Ħalli nagħtu ħarsa ħafifa fuq il-Malti fejn jinsab illum bissaħħa tal-"Għaqda" u bil-ħidma ta' dawk li waqqfuha, kif ukoll ta' dawk li ġew warajhom u żammew tħeġġeġ il-fjamma tal-imħabba lejn l-ilsien art twelidna. F'dan in-nofs seklu, l-ilsien Malti ħareġ mir-rokna mwarrba fejn kien mitluq qabel, u daħal fil-Parlament, fil-Qrati, fl-Amministrazzjoni tal-Gvern; ħarġu mijiet ta' kotba, gazzetti u perjodiċi bil-Malti, u llum kollha miktubin bl-ortografija tal-"Għaqda". Il-Malti daħal bħala lingwa fl-Università fejn hemm mhux biss kattedra, iżda wkoll dipartiment tal-Malti, li hu wieħed mid-dipartimenti l-aktar attivi u l-aktar awtorevoli. Fuq kollox f'din is-sena li aħna fiha, il-ħamsin waħda ta' ħidma bla heda, kellna x-xorti naraw il-Gvern jemenda l-kostituzzjoni ta' l-Università biex stabilixxa l-Malti bħala lingwa uffiċjali tal-Università. Hekk, kif konna xtaqna, il-Malti ħa postu u jeddu fl-ogħla ċentru kulturali ta' Malta.*

*Dawk il-qalbiena li ħamsin sena ilu waqqfu l-"Għaqda", min jaf kemm kienu jitirħu kieku llum kienu magħna jaraw kemm seħħet dik ix-xirka li għaqqdu huma. Dik il-"Għaqda" tagħhom, li bdiet mriegħxa, kibret u għoliet, ġibdet lejha l-intelliġenza tal-Gżira, ħaddnet l-aqwa kittieba ta' pajjiżna, laħqet il-grad ta' Akkademja u saret magħrufa fost iċ-ċentri kulturali Maltin u barranin.*

*Madankollu l-Akkademja ma streħitx wara s-suċċessi li kellha; hi baqgħet timxi 'l quddiem fit-triq li fetħu Ġużè Muscat Azzopardi, Dun Karm Psaila, Ninu Cremona, Temi Zammit u l-Fundaturi l-oħra tagħha; il-perjodiku tagħha, "Il-Malti", qatt ma falla ħarġa, anqas fl-eqqel snin tal-gwerra, matul is-sitta u erbgħin sena li ilu joħroġ, u llum hu l-anzjan fost il-perjodiċi ta' Malta. Il-Membri tagħha baqgħu jaħdmu bis-sħiħ, iżda bla għaġeb u ftaħir, biex igħollu l-ilsien Malti dejjem aktar 'il fuq u biex iseddqu l-letteratura Maltija, u baqgħu jikkorrispondu ma' għorrief, studjużi u skulari; il-kelma tagħhom hi stmata għax hi kelma ta' rġiel li jaħdmu għal kawża nazzjonali mhux għall-interess partikulari, tant hu hekk li l-Awtoritajiet tal-Gvern u tal-Knisja, ħafna drabi jfittxu l-pariri tal-Membri Akkademiċi, u jdaħħluhom f'kumitati u kummissjonijiet uffiċjali.*

*L-Akkademja bdiet tiċċelebra din is-sena ta' Ġublew Tad-Deheb tagħha billi f'Jannar ħadet sehem f'konferenzi internazzjonali bħala korp mhux anqas minn korpijiet kulturali li ltaqgħu mid-*

*dinja kollha. Hi bagħtet Delegat fil-Konferenza Internazzjonali li ltaqgħet f'Ġammajka, u Membru Akkademiku ieħor kien ħa sehem fil-Kumitat dwar l-Edukazzjoni, imlaqqa' mill-Kunsill ta' l-Ewropa fi Strasburgo fl-aħħar tas-sena l-oħra. Huma għamlu diskorsi li kienu milqugħin tajjeb u meqjusin mhux anqas minn ta' oraturi oħrajn.*

*L-ewwel President tal-"Għaqda", il-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi, fl-editorjal ta' l-ewwel ħarġa ta' "Il-Malti", li deher fl-1925, kiteb hekk: " . . . . irridu biss, b'fehma safja u sħiħa, nagħmlu kemm nifilħu biex neħilsu mill-għajb li fih jinsab l-ilsien Tassbejħa fost is-sbieħ, Art li bennitna!"*

*Kittieb ieħor li iffirma P. (Mons. Pawl Galea) f'dak l-ewwel ħarġa ta' "Il-Malti", fisser fi ftit kliem x'kienet il-fehma ta' dawk li waqqfu l-"Għaqda". Hu kiteb hekk: "Naħdmu flimkien annuna u, hekk bħalma għamlu ġewwa pajjiżi oħra, aħna natu lil ilsienna dak is-sebħ li jistħoqqlu biex dejjem iżjed tiġi mwettqa l-ħolma ta' dawk kollha li jħobbu tassew lil Malta u dak kollu li hu biss u tassew tagħna."*

*Dawn iż-żewġ fehmiet baqgħu jħeġġu fl-imħuħ tal-Membri Akkademiċi, u l-Akkademja qatt ma ċaħdet il-ħsieb tal-Fundaturi tagħha, imma l-aqwa ġieh tagħha kienet ix-xejra li qajmet għall-kitba bil-Malti. Ħafna mill-kittieba magħrufin tallum iddakkru minn oħrajn ta' qabilhom, u huma nfushom qegħdin jagħmlu ħila lill-kittieba żgħażagħ, ħalli dawn 'il quddiem imexxu l-bandiera tal-Akkademja. Dan hu rahan għażiż u ta' fejda, u filwaqt li aħna nfakkru u nweġġhu bil-qima u bl-umiltà lill-Akkademiċi ta' qabilna, nagħmlu fehma qawwija li ma nkunux ta' għajb lill-ħsieb nobbli li huma kellhom. Ningħaqdu lkoll flimkien ħalli r-rebħiet li għamlet l-Akkademja f'dawn il-ħamsin sena ta' ħajja, jkunu 'Auspicium melioris aevi'.*

*Din is-sena ta' Ġublew tad-Deheb ġibetilna mhux biss ferħ u hena għan-nofs seklu ta' ħidma wtiqa u fejjieda, iżda wkoll niket u għali għax ħadet minn fostna żewġ Membri Akkademiċi l-aktar għeżież u l-aktar maħbuba.*

*Is-Sur Franġisku Saverju Caruana li miet fil-25 ta' Jannar, 1971 u l-Monsinjur Professur Dun Pietru Pawl Saydon li ħalliena*

*Is-Sur F. S. Caruana kien wieħed mill-Fundaturi tal-'Għaqda', anzi kien hu li xandar is-sejħa biex tlaqqa' lil dawk li kienu jħobbu l-Malti biex flimkien igħaqqdu x-xirka tagħhom.*

*Monsinjur P. P. Saydon kien Membru Akkademiku mill-aktar*

*anzjan. Hu ssieħeb fl-"Għaqda" ftit wara li twaqqfet, malli hu reġa' lura f'Malta mill-istudji tiegħu f'Ruma. Kien bniedem intellettwali li għamel ġieh lil pajjiżu u wkoll għamel isem fost il-għorrief barranin. Il-kontribut tiegħu b'risq il-Malti u l-letteratura Maltija, hu bla qies.*

*F'din il-ħarġa qegħdin inġibu studju interessanti ħafna u tagħrif siewi dwar is-Sur F. S. Caruana, miktub minn wieħed jiġi minnu, li hu wkoll magħruf bħala kittieb tajjeb.*

*F'ħarġa oħra bi ħsiebna nxandru fit-tul tagħrif dwar Monsinjur Saydon u l-ħidma tiegħu.*